# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/08, it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 8 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2020 fil-5 u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**ASSENTI**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:49pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*8.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*8.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*8.4 Korrispondenza*

*8.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*8.7 Reazzjoni tal-Kunsill għall-PA 09858/19*

*8.8 Konsiderazzjoni u Evalwazzjoni tal-Performance tas-Segretarju Eżekuttiv ;*

*8.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**8.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

8.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa ma kienx irċieva l-ebda' notifika ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

**8.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

8.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

8.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

**8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.3.1 Is-Sindku semma' li kien irċieva diversi suġġerimenti sabiex id-dwal tal-Milied jinxtelgħu qabel, lejn l-aħħar ta' Novembru u mhux kif inhuma bħalissa mit-8 Diċembru 'il quddiem.

8.3.2 Is-Sindku semma' li kellu laqgħa mal-perit tal-Kunsill li rrappurtalu fiex waslu diversi proġetti tal-Kunsill.

8.3.3 Is-Sindku semma' wkoll li kien ġie avviċinat minn persuna li għandha tifla b' diżabilita' li għandha bżonn tagħmel alterazzjonijiet mal-faċċata tad-dar biex tkun minħabba il-bżonnijiet tat-tifla. Il-Kunsill qabel li jipprova jgħin fejn jista' billi jidderiġi minn fejn tista' tinġab għajnuna u billi jkellem lill-perit biex jara x' tip ta' interventi hemm bżonn.

## 8.4 Korrispondenza

8.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

8.4.2 Ġiet ippreżentata korrispondenza mid-DLG li ma jistgħux jaċċettaw it-talba tal-Kunsill li l-approvazzjoni ta' direct order maħruġa lil CL Constructions Ltd dwar il-proġett ta' mixtla ta' Tal-Facciol, tgħaddi taħt isem ta' kumpanija oħra peress li din kienet ser tieqaf topera. Il-Kunsill qabel li ssir talba sabiex dan il-każ jiġi diskuss mad-direttur u mad-DLG.

8.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema LC Care. Sfortunatament din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa.

8.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-applikazzjoni dwar l-assigurazzjoni fuq is-saħħa tal-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill mill-AKL. Il-Kunsill approva li din l-assigurazzjoni tkopri lill-ħaddiema u lill-membri tal-Kunsill kollu, inkluż il-ħaddiem tal-iskema.

Il-Kunsillier Clayton Gauci daħal fis-6:03pm.

## 8.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

8.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, skont il-Liġi Sussidjarja 424.14 Avviż Legal 43 tal-2002, ser ikun qed isir test tal-għajnejn għall-istaff kollu. Il-Kunsill qabel li dan it-test isir ukoll għall-membri tal-Kunsill. Intbgħatu rikjesti għall-stimi dwar dawn it-testijiet.

8.5.2 Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil semmiet li kien qed ikun rimi ta' ħmieġ u mġieba mhux xierqa min-numru ta' adolexxenti u żgħażagħ fil-ground ta' quddiem il-Kunsill. Dan kien ikkonfermat ukoll mill-Kunsillier Clayton Gauci. Is-Sindku informa li kien ser jara li jinxtgħel aktar dawl biex iservi ta' detterent. Il-Kunsillier Clayton Gauci issuġġerixxa wkoll li il-puluzija tkun infurmata dwar dan biex tinkludi dan il-post waqt ir-rondi tagħha.

## 8.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ skedi tal-pagamenti. Dawn kien numru 7/8 2019 li kienet tammonta għal €7,855.88 u numru 1/8 2020 li kienet tammonta għal €18,3777.91.

8.6.2 Dawn iż-żewġ skedi ġew approvati unanimament u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, u minn Kunsillieri oħra.

## 8.7 Reazzjoni tal-Kunsill għall-PA 09858/19

8.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għall-iżvillupp PA09858/19 li kien tinvolvi il-kumpless kollu tal-Imġarr ta' Ġewwa biex tinbidel fi' Agrituriżmu ta' Klassi 3A. Din l-applikkazzjoni ħolqot diversi reazzjonijiet u għaldaqstant il-Kunsill ħass li kellu jiddiskutiha. Dan ukoll wara konsultazzjoni mal-konsultenti tal-Kunsill dwar applikazzjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar fil-konfini tal-Imġarr.

8.7.2 Is-Sindku, Paul Vella, iddikkjara li peress li kien hemm bażi ta' kunflitt ta' interess, kien ser jirtira mid-diskuzzjoni dwar dan il-każ. L-istess agħmel il-Kunsillier Clayton Gauci. Huma it-tnejn ħarġu mill-kamra fis-6:16pm.

8.7.3 Fl-assenza tas-Sindku, it-tmexxija tal-laqgħa tkompliet min Wistin Vella, viċi Sindku.

8.7.4 Il-Kunsill ra l-applikazzjoni u r-rapport li rċieva mingħand il-konsultenti tiegħu, li ġew diskussi. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti li, peress li kien hemm diversi punti fl-applikazzjoni li ma kienux ċari u/jew ma kienx hemm riferenza għalihom, il-Kunsill kellu bżonn tali informazzjoni qabel ma jkun jista' jara x' posizzjoni ser jieħu.

8.7.5 Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li tintbgħat korrispondenza lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jiġi estiż iż-żmien fejn il-Kunsill jista' jdaħħal ir-reazzjonijiet tiegħu dwar din l-applikazzjoni. Fl-istess ħin, il-Kunsill qabel ukoll li tissejjaħ laqgħa mal-applikant biex jiġi diskuss dan il-proġett u l-Kunsillieri jkollhom iċ-ċans isaqsu il-mistoqsijiet li

jħossu direttament lill-applikant. Wara din il-laqgħa imbagħad, il-Kunsill jiformula il-posizzjoni tiegħu u din jgħaddiha lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

8.7.6 Wara li din id-diskuzzjoni kienet dikjarata magħluqa, is-Sindku u il-Kunsillier Clayton Gauci reġgħu ingħaqdu fil-laqgħa fis-6:32pm. Is-Sindku reġa' ħa t-tmexxija tal-laqgħa f' idejh.

## 8.8 Konsiderazzjoni u Evalwazzjoni tal-Performance tas-Segretarju Eżekuttiv

8.8.1 Il-Kunsill ikkunsidra ir-rapport ta' Evalwazzjoni tal-Performance tas-Segretarju Eżekuttiv għal matul is-sena 2019.

8.8.2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport u approva wkoll l-għotja tar-rata massima tal-bonus relatat, jiġifieri 10%, lis-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li irringrazzjah ta' xogħolu matul is-sena li kienet għada kemm intemmet.

8.8.3 Is-Segretarju Eżekutiv, min-naħa tiegħu, irringrazzja lill-Kunsill kollu tal-kooperazzjoni kontinwa.

## 8.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

8.09.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għat-Tnejn, 17 ta' Frar 2020, fil-5:30pm.

8.09.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:52pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |